## BUG HOTEL



**Xi tkun?** Struttura żgħira mimlija bi zkuk irqaq, injam imtaqqab, ġebel, biċċiet tal-fuħħar u tas-sufra, prinjol u biċċiet ta' qasab ta' ħxuna differenti.

**Xi skop għandha?** Li tipprovdi kenn mill-elementi lill-insetti u invertebrati oħra u post fejn jirriproduċu.

**Fejn għandha titqiegħed?** F'post kenni f'xi ġnien, bitħa jew gallerija, preferibilment li jintlaħaq mix-xemx.

*Għal aktar tagħrif, skenja dan il-QR Code.*



## ŻGĦAR FID-DAQS, IŻDA KBAR FL-IMPORTANZA...

L-invertebrati (li magħhom jagħmlu l-insetti, il-krustaċji u l-molluski fost l-oħrajn) huma dawk l-annimali li m'għandhomx sinsla tad-dahar. Huwa veru li xi ftit minnhom jitqiesu bħala pests għax jagħmlu l-ħsara fl-għelieqi, fil-ġonna u/jew fi djarna, iżda mingħajr l-invertebrati l-ħajja fid-dinja ma tistax tkompli.

Fost l-oħrajn, dawn l-annimali żgħar:

- idakkru l-fjuri (inkluż prodotti agrikoli);
- huma ikel għal annimali akbar minnhom, bħall-għasafar u l-mammiferi;
- iqallbu l-ħamrija, ituha l-arja u jgħinuha tassorbi l-ilma tax-xita;
- jikkontrollaw dawk l-ispeċi meqjusin bħala pests minna l-bnedmin; u
- iħaffu sew il-proċess tad-dekompożizzjoni tal-pjanti u annimali mejta sabiex iroddu lura lill-art is-sustanzi li jkunu ħadu minnha.

**BirdLife Malta** twaqqfet fl-1962 u hija l-akbar għaqda ambjentali f'Malta. L-għan tagħha hu l-konservazzjoni tal-għasafar fis-selvaġġ, tal-ħabitati naturali u l-bijodiversità tal-gżejjer Maltin. Xprunat il-ħolqien ta' għadd ta' riservi naturali li llum huma mmexxijin minnha. Taħdem ħafna fil-qasam edukattiv u tippubblika kotba u rivisti sabiex iżżid l-apprezzament tan-natura.


**info@birdlifemalta.org** **birdlifemalta**

**21347645/6** **@BirdLife_Malta**


Kitba, disinn u ritratti: Jason Aloisio



NISKOPRU N-NATURA - 3

BirdLife MALTA

# INSETTI U INVERTEBRATI OĦRA FL-AMBJENT URBAN


**Bebbux tal-Bejt**
Maltese Marmorana


**Trajbu**
Decollated Shell


**Insett tal-Bizzilla**
Green Lacewing


**Werżieq**
Cicada


**Żunżan tax-Xehda**
Common Paper Wasp


**Ħażżien Iswed**
Black Harvester Ant


**Għakrux Mara**
Red-banded Snail


**Mayfly**
Ninfa


**Nemusun**
Crane-fly


**Baħrija tad-Dqiq**
Meal Moth


**Naħla tal-Ġonna**
White-banded Digger Bee


**Ħanżir l-Art ta' Malta**
Common Maltese Woodlouse


**Kamla**
Silverfish


**Mazzarell Sultan**
Emperor Dragonfly


**Farfett tal-Kaboċċi**
Large White


**Farfett tal-Ħurrieq**
Red Admiral


**Xini**
House Centipede


**Brimba tal-Fjuri Mħattba**
Humped Crab Spider


**Ġurat tar-Raba'**
Egyptian Grasshopper


**Mqass**
Common Earwig


**Farfett tax-Xewk**
Painted Lady


**Naħla tal-Għasel**
Honey Bee


**Brimba tad-Djar**
Daddy-long-legs Spider


**Brimba Qabbieża tad-Djar**
Jumping Spider